1 ta' Ottubru, 1960

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Anthony Zammit

**Nullità — Appell — Art. 431(1) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Ir-rikors tal-appell kriminali għandu jkun fih taħt piena ta' nullità, fost rekwiżiti oħra, it-talba għar-revoka jew, skond il-każ, għar-riforma, tas-sentenza appellata.*

*Jekk l-imputat kellu kontra tiegħu diversi mputazzjonijiet, u ġie kundannat għal waħda minnhom biss, u fil-premessi tar-rikors tal-appell jappella minn dik l-imputazzjoni, id-domanda tiegħu għandha tkun għar-riforma tas-sentenza, u mhux għar-revoka tagħha; u għalhekk ir-rikors jiġi nieqes minn talba li l-liġi tippreskrivi taħt piena ta' nullità, u huwa null.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-

Maġistrati ta' Malta tal-31 ta' Awissu 1960, li hi konċepita hekk:— "Issib lil Anthony Zammit ħati talli fit-8 ta' Ġunju 1960, f'xi d-9.00 a.m., waqt li kien isuq char-a-banc nru. 2050 minn The Strand, Sliema, (a) ma żammx fuq in-naħa tax-xellug nett tat-trieq; barra minn dan (b) naqas li jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa meta kien riesaq lejn kantuniera; (ċ) u saq l-istess char-a-banc b'manjiera traskurata u bla kont, u iżjed, minħabba nuqqas ta' għaqal u ta' ħila, u traskuraġni, ma osservax ir-regolamenti; (d) ħabat ma' truck nru. 8066 u għamillu ħsara għad-dannu ta' Anthony Camilleri; (e) u ħabat mal-car nru. 10198 u għamlilha ħsara għad-dannu ta' Dominic Tanti; (f) u ħabat ukoll mal-mutur (tal-baħar) li ġarrab ħsara għad-dannu ta' Gaetano Cini; u għaldaqstant il-Prosekuzzjoni talbet is-sospensjoni tal-liċenzi tiegħu tas-sewqan; rat l-artikoli 59, 64, 63 G.N. 24/1948; sec. 14 Ord. X/1931; Act XXVI/1956; billi (a) u (b) huma assorbiti fl-imputazzjoni (ċ) ta' sewqan traskurat, tikkundannaħ £5 multa u għal ħames tijiem sospensjoni tal-liċenzi tiegħu tas-sewqan; tilliberaħ fuq (d) mis-sewqan bla kont; u proċediment eżawrit fuq l-imputazzjonijiet l-oħra";

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija;

Ikkunsidrat;

Fuq il-pont sollevat mill-Prosekuzzjoni kif verbalizzat fis-seduta tal-lum;

Skond il-liġi, art. 431 (1) Kap. 12, ir-rikors tal-appell għandu jkun fih, taħt piena ta' nullità, fost rekwiżiti oħra, it-talba għar-revoka jew, skond il-każ għar-riforma tas-sentenza appellata;

F'dan il-każ, quddiem l-Ewwel Qorti kien hemm sitt imputazzjonijiet. Il-Qorti sabet l-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni ta' sewqan traskurat, f'liema mputazzjoni kkunsidrat assorbiti l-ewwel u t-tieni waħda, u lliberatu mir-raba' waħda; u ddikjarat il-proċediment eżawrit kwantu għall-ħames u s-sitt waħda;

Mill-premessi tar-rikors jidher li l-imputat appella mit-tielet imputazzjoni, ċjoè l-unika li tagħha nstab ħati. Imma mbgħad meta ġie għat-talba finali, hu talab senz' altro r-revoka tas-sentenza;

Hu ċar li hu assurd li tintalab revoka "In toto" meta hemm imputazzjoni li minnha l-imputat ġie liberat, u meta hemm tnejn oħra li għar-rigward tagħhom il-proċediment ġie dikjarat eżawrit. Għalhekk hu ugwalment ċar li kien imissha ġiet mitluba riforma. Jiġi, per konsegwenza, li fir-rikors hi nieqsa dik it-talba li l-liġi tippreskrivi taħt piena tan-nullità; f'dan il-każ tonqos it-talba għar-riforma;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-preġudizzjali sollevata mill-Attorney General. u tiddikjara l-appell irritu u null.